**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 447/21 AL

ABD

CB

(MR Nurmu 2120/2015)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet izzewget lill-konvenut nhar il-11 t'Ottubru 2015 (Dok A) u miz-zwieg taghhom twieldu tewmin nhar il-15 ta' Jannar 2013;

2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Brenda Jane Camilleri nhar il-15 ta' Gunju 2021 (Dok B anness);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;

4. Illi in oltre jinghad illi l-konvenut dejjem hallas il-manteniment dovut minnu ghal ulied minuri u m'hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward;

5. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Ottubru 2015 u lanqas illi miz-zwieg taghhom twieldu tewmin fil-15 ta’ Jannar 2022
2. Illi lanqas m’huwa kontestat li huma sseparaw in atti tan-Nutar Brenda Jane Camilleri fil-15 ta’ Gunju 2021;
3. Illi l-esponent jaqbel ukoll li l-ebda manteniment m’huwa dovut bejn il-kontendenti u jikkonferma li huwa dejjem hallas manteniment ghall-uliedu u m’hemm ebda arretrati f’dan ir-rigward;
4. Illi l-esponent jaqbel ukoll li m’ghad hemm ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejn u r-rikorrenti anke ghaliex ilhom jghixu separate de facto ferm qabel minnmeta huma fattwalment sseparaw;
5. Illi l-esponenti ghaldaqstant ma jopponiex ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent f’dal istadju, a savju gudizzju ta’ din l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Ottubru, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Gunju, 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.